**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta` nhar it-Tlieta 9 ta` Jannar, 2018.**

**Talba Nru: 472/2017PA**

**Carmelo Mifsud**

**vs**

**Desmond Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-12 ta` Ottubru 2017 li permezz tiegħu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta` tlett mija u erbgħa u erbgħin Ewro (€344) rappreżentanti kwantu għal mitejn u ħamsa u tmenin Ewro (€285) prezz ta` servizzi reżi mill-attur fuq inkariġu tal-konvenut, bħala kummissjonat tal-funerali, u l-bilanċ ta` disgħa u ħamsin Ewro (€59) spejjeż tal-ittra legali datata 7 ta` Lulju 2017 mibgħuta lill-konvenut, bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Ra d-dokument ippreżentati mill-attur mal-Avviż tat-Talba, senjatament kopja ta` ittra legali datata 7 ta` Lulju 2017 (Dok. A, fol. 2) li permezz tagħha l-attur talab il-ħlas mertu ta` din il-kawża mingħand il-konvenut.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviżi tat-Talba u tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentax Risposta u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra l-affidavit tal-attur li permezz tiegħu ikkonferma li l-ammont mitlub għadu dovut.

Ra li fl-udjenza tas-6 ta` Diċembru 2017, l-attur ippreżenta Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, li bih ried jipprova bil-ġurament ttiegħu li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li, minkejja dan, il-konvenut baqa' ma deherx biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.4.2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta` probabilita`, wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Iqis li l-attur ipprova t-talba tiegħu, fuq bilanċ ta` probabilitajiet, fil-kontumaċja tal-konvenut.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta` u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta` tlett mija u erbgħa u erbgħin Ewro (€344), bl-imgħax legali mid-data tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**

**ĠUDIKATUR**